MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1007/2005

**Helen Zammit (ID No. 609336M) f'isimha u ghan-nom ta' hutha lkoll assenti Giuliano Zammit, Antonia Azzopardi, Joseph Zammit, Mary Spiteri u Constantino Zammit.**

**vs.**

**1. Moira Pulis (ID No. 599781 M).**
**2. Enzo Pulis (ID No. 543275 M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Ottubru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma lkoll sidien f'sehem indaqs u b'mod indiviz tal-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara; u

Illi l-fond in kwistjoni kien inghata b'titolu ta' lokazzjoni minn missier l-atturi, Carmelo Zammit lil certu Manuel *sive* Leli Micallef, illi gie nieqes ricentament; u

Illi minn meta miet l-inkwilin precedenti, u cioe` d-defunt Manuel *sive* Leli Micallef, ma giet rikonoxxuta ebda persuna ohra mill-atturi fl-inkwilinat ta' dan il-fond; u

Illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jivvakaw mill-fond in kwistjoni, baqghu inadempjenti u baqghu jokkupaw dan il-fond;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond numru erbgha' u ghoxrin (24), Sqaq l-Gharghar, Birkirkara u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju li fih ghandhom jizgombraw minn dan il-fond.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 10 ta' Awwissu 2005, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 4 ta’ Novembru 2005 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni attrici hija nulla u minghajr effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbli Qorti hija nieqsa mill-kompetenza *ratione materiae* u ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, kif stipulat mill-**artikolu 8 subinciz 1 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu l-azzjoni *de quo* kellha titmexxa b’rikors u mhux b’citazzjoni u tali nullita` ma hix sanabbli *ai termini* tal-**artikolu 164 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** in kwantu dan l-artikolu jistabbilixxi fil-*proviso* tieghu li d-disposizzjonijiet tieghu m’ghandhomx japplikaw meta skont xi ligi ohra li ma jkunx il-**Kap 12** il-proceduri ghandhom jinbdew b’rikors kif fil-fatt huwa l-kaz odjern. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu ma gietx intavolata skont il-forma preskritta *ai termini* tal-**artikolu 25 subinciz 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici ma setghetx tigi prospetta fl-ismijiet u fil-kwalitajiet premessi, in kwantu l-prokura esebita bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici hija nieqsa mil-formalitajiet rikjesti mil-ligi u *in pessima ipotesi* setghet taghti biss il-poter lill-attrici Helen Zammit li tagixxi ghan-nom tal-assenti Giuliano Zammit izda mhux ukoll ghan-nom tal-assenti l-ohra;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li l-konvenuti konjugi Pulis qeghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni b’titolu validu fil-ligi

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2007 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Galea ghall-konvenuti, prezenti l-konvenuta fejn inghatat decizjoni *in parte* dwar l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2007 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 27 ta' Novembru 2007, u l-*visto* datata 26 ta' Novembru 2007, u d-digriet datat 20 ta' Dicembru 2007 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa s-seduti hemm indikati ghas-smigh tal-provi (fol. 94 tal-process).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008 fejn gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex sal-ahhar ta' Novembru 2008 jiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri bix-xhieda quddiemu prodotta, u d-dokumenti prezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Jannar 2009 quddiem il-Qorti fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Graziella Bezzina ghall-attur u Dr. Franco Galea ghall-konvenuti. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet it-termini hemm indikati ghall-prezentata ta' tali noti (fol.198) u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju

2009 u tat-28 ta’ Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jizgumbraw mill-fond 24, Sqaq l-Gharghar, B’Kara ghaliex qed isostnu li l-istess konvenuti qed jokkupaw l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi. Il-konvenuti qed isostnu li ghandhom titolu ta’ kera fuq l-istess fond.

Illi fil-fatt il-konvenuti jsostnu li l-konvenuta dejjem kien toqghod fil-fond *de quo* minn meta twieldet, liema fond kien mikri lin-nannu taghha Emanuel Micallef, u hija kienet toqghod fil-fond fil-mument tal-mewt ta’ nannuha u ghalhekk ghandha titolu ta’ kera skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 (b) tal-Kap. 69,** peress li hija membru tal-familja skond l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Illi l-istess konvenuta tghid li hija twieldet fit-3 ta’ Novembru 1981, u hija dejjem ghexet mal-genituri taghha u ohtha Noelenn fl-istess dar li kienet mikrija lin-nannu taghha matern Emanuel Scerri Micallef. In sostenn ta’ dan hija esebiet diversi dokumenti (Dok. “MP1” sa Dok. “MP 9” li jindikaw l-indirizz tal-konvenuta bhala dak ta’ 24, Juniper Lane, B’Kara – l-istess post kif indikat illum, u fost dawn id-dokumenti hemm *Free Immunisation Form* tad-Dipartiment tas-Sahha, rizultati u dokumenti tal-iskola; certifikat tar-registrazzjoni tas-sigurta’ socjali u l-klieb tas-sigurta’ socjali, dokumenti mahruga mill-ETC, u dokumenti dwar l-impjieg taghha u d-dikjarazzjonijiet ta’ l-FS 3 tad-Dipartiment tat-Taxxa, u kopja tal-karta tal-Identita’ taghha (Dok. “MP9). Fil-fatt tghid li wara li zzewget lill-konvenut fis-27 ta’ Dicembru 2000, hija baqghet tghix fl-istess post ma’ bintha Yasmine. Nannuha miet fil-31 ta’ Mejju 2005, u hija kienet tghix fl-istess post u ghalkemm talbet li l-kera ddur fuqha, l-atturi Helen u Giulannu Zammit irrifjutaw u allura l-kera giet depositatat l-Qorti (Dok. “MP 11”). Dokumenti ohra esebiti fosthom Dok. “MT3” u “MT4” jikkonfermaw dan.

Illi jirrizulta li omm il-konvenuta Rita Zammit ghandha d-dar taghha San Gwann, pero’ kienet baqghet toqghod 24, Sqaq l-Gharghar, B’Kara sakemm miet missierha, flimkien ma’ zewgha u uliedha nkluz bintha Moira Pulis u zewgha

Enzo Pulis, u f'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li la darba dan huwa l-kaz, il-konvenuta Moira Pulis, ppruvat li hija ghandha titolu ta' kera fuq l-istess fond ghaliex kienet tghix hemm fil-mument tal-mewt tan-nannu taghha Emmanuel Micallef u hija membru tal-familja tal-istess skond il-ligi u l-gurisprudenza konstanti nostrali fosthom il-kawzi **"Carmelo Debono vs Vincenzo Zahra"** (A.I.C. (WH) – 20 ta' April 1963; **Gemma Brownrigg et vs Natasha Camilleri et"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003; **"Carmen Pace et vs Charles Grech"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Novembru 2002); u **"David Galea et vs Stephen Bonnici"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Novembru 2005).

Illi fil-fatt gie ppruvat mill-konvenuti li l-elementi bazici ghall-protezzjoni akkordata lill-konvenuta skond il-ligi u l-gurisprudenza fuq citata hija dik li (a) l-konvenuta hija membru tal-familja tal-kerrej u (b) li kienet tirrisjedi mal-kerrej fid-data tal-mewt. Din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju dwar dan mill-provi kollha prodotti tant li x-xhieda kollha f'din il-kawza (nkluzi dawk ta' Enzo Pulis, Helen u Emanuel Zammit, Francis Mifsud, Agnes Cardona, Aldo u Jacqueline Siminiana, Ivonne Vella, Mary Tanti mill-Ufficju Elettorali), jindikaw li l-istess konvenuta dejjem ghexet fl-istess dar ma nannuha, sakemm dan miet, u anke wara li zzewget lill-konvenut, u hekk baqghet tghix hemm sallum, b'dan ghalhekk li l-konvenuti jikkwalifikaw bhala kerrejja skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 tal-Kap. 69.** Fil-verita' ma jirrizultax li dan huwa b'xi mod kontradett mix-xhieda prodotta mill-atturi stess, u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-atturi fil-waqt li d-decizjoni tat-3 ta' Mejju 2007 kif gja deciz fl-istess sentenza hija a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------